Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 151/2003

**Asfaltar Ltd.**

**vs**

**Ivan Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fl-10 ta' Marzu, 2003 fejn talbet lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, seba' mija u tmienja u disghin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm2,798.54) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti l-prezz ta' materjal mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut, u servizzi lilu offruti mis-socjeta' mittenti fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata fl-20 ta' Jannar, 2003 ammontanti ghal Lm16.50 u tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 529/03 pprezentat kontestwalment, u

bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli b'effett mid-data illi fiha saret il-konsenja tal-materjal u saru s-servizzi lilu provduti sad-data tal-pagament effettiv, l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici hija preskritta a termini ta' l-artikoli 2148(a), 2148(b) u 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi fil-mertu l-eccipjenti ma ghandu jhallas xejn lis-socjeta' attrici.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' elfejn, seba' mija u tmienja u disghin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm2,798.54) bhala prezz ta' materjal ta' tarmak u xoghol iehor fornit lill-konvenut fl-1996.

Fl-eccezzjoni tieghu l-konvenut qieghed jeccepixxi l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar bl-Artikolu 2148 (a) u (b) u hames snin bl-Artikolu 2156 (f).

Peress illi l-Qorti giet moghtija aktar minn artikolu wiehed, jidhrilha li f'dan il-kaz ghandha tapplika l-artikolu illi jippreskrivi l-itwal zmien. Kif iddecidiet din il-Qorti fil-kawza flismijiet Magid sive Jean Marie u Joanne konjugi Aidi vs Mohammed sive Frans u Joan sive Yvonne konjugi Bezin deciza fit-30 ta' Ottubru, 2000, "Meta l-Qorti tigi biex tapplika r-regoli ta' preskrizzjoni, l-applikazzjoni ghandha tkun difficli kemm jista' jkun, bi presunzjoni favur it-terminu l-aktar twil, biex b'hekk id-debitur ma jkunx jista jahrab mill-obbligazzjonijiet tieghu b'semplici dikjarazzjoni illi mhuwiex id-debitur. Minn naha l-ohra l-kreditur ikun aktar f'posizzjoni illi jaghti nifs lid-debitur li jkun *in buona*

*fede* biex ikun jista' jassalda l-obbligazzjoni minghajr riskju esagerat li l-kreditur jitlef id-dritt tieghu minhabba l-ghoti taz-zmien."

Irrizulta mix-xhieda ta' Paul Magro, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, illi din ta' l-ahhar fornit tarmak u xoghol iehor in konnessjoni ma' toroq fl-1996 lill-konvenut. L-ahhar fattura harget fil-21 ta' Lulju, 1997. Minkejja li Magro kellem diversi drabi lill-konvenut, l-pagament baqa' ma wasalx il-ghaliex il-konvenut sostna li huwa kellu jithallas minghand Frans il-"Mastru" illi qabbdu li jaghmel xi xoghol.

Meta ta d-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti, Ivan Borg, il-konvenut qal illi huwa qatt ma rcieva Ittra Ufficjali, x-xoghol sar xi seba' snin ilu u minkejja illi jaf illi ma hallasx, huwa wkoll ghandu jiehu minghand is-socjeta' attrici l-ghaliex wettaq hafna xoghol ghan-nom taghha. Ghalhekk, jidhirlu illi saret tpacija u m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici.

Ghalhekk, mis-suespost irrizulta illi x-xoghol gie fornit fl-1996. L-ewwel att gudizzjarju illi ghandha quddiemha l-Qorti huwa dan l-Avviz illi gie pprezentat fl-10 ta' Marzu, 2003, aktar minn seba' snin minn mindu gie fornit ix-xoghol.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li l-eccezzjoni tal-konvenut kif ibbazata fl-Artikolu 2156 (f) ghandha tigi milqugha, peress illi t-terminu preskrittiv ghadda favur tieghu.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tal-konvenut u konsegwentement tichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------